

31989L0677

30.12.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 398/19

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL

tal-21 ta' Diċembru 1989

li temenda għat-tmien darba d-Direttiva 76/769/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi

(89/677/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾;

F'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽³⁾,

Billi jridu jiġu adottati l-miżuri sabiex jiġi stabbilit is-suq intern b'mod progressiv tul il-perjodu taż-żmien sal-31 ta' Diċembru 1992; billi s-suq intern jikkompreni żona mingħajr fruntieri interni li fih huwa ggarantit il-moviment liberu tal-merkanzija, tal-persuni, tas-servizzi u tal-kapital;

Billi, minkejja l-projbizzjoni tal-*marketing* ta' ċerti prodotti ornamenti maħsuba li jipproduċu effetti bid-dwal u li jikkomprenu reċipjenti tal-ħġieġ li fihom likwidi perikolużi kif iddefinit bid-Direttiva 67/548/KEE ⁽⁴⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 86/431/KEE ⁽⁵⁾, oġġetti li jippreżentaw l-istess riskji għadhom jiġu mqiegħda fis-suq sabiex jintużaw fil-logħob minn parteċipant wieħed jew iktar, xi kultant b'funzjoni ta' ornament;

Billi għandha ssir revizzjoni tal-kontenut (0,01 % bil-piż - 100 ppm) ta' PCB/PCT fil-preparazzjonijiet, inklużi ż-żjut mormija; billi, fid-Direttiva tal-Kunsill 87/101/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 li temenda d-Direttiva 75/439/KEE dwar kif jiġu eliminati ż-żjut mormija ⁽⁶⁾, dan il-kontenut ġie stabbilit għal 0,005 % bil-piż;

Billi l-benzina (Nru tas-SAK 71-34-2) hija sustanza tossika li x'aktarx taffettwa is-sistema ċentrali nervuża u u dik ematopojetika u li tikkaġuna l-kanċer u b'mod partikolari l-lewċemja; billi din is-sustanza hija kklassifikata bħal karċinoġena tal-kategorija I fid-Direttiva 67/548/KEE; billi l-Konvenzjoni 136 ta' l-ILO (l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol) u r-Rakkomandazzjoni 144 ta' l-ILO jstabbilixxu dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni mir-riskji li jinħolqu mill-benzina;

Billi s-sustanzi li ġejjin: it-2-naftilamin (Nru tas-SAK 91-59-8), il-4-nitrodifenil (Nru tas-SAK 92-93-3), il-4-aminodifenil (Nru tas-SAK 92-67-1) u l-benzidina (Nru tas-SAK 92-87-5) jistgħu jikkawżaw il-kanċer u b'mod partikolari l-kanċer tas-sistema ta' l-urina; billi dawn is-sustanzi huma kklassifikati bħala karċinoġeni tal-kategorija I fid-Direttiva 67/548/KEE; billi għalkemm, għewwa l-Komunità, huma issa prodotti biss fi kwantitajiet minimi u ssorveljati maħsuba esklussivament għar-riċerka, jistgħu madankollu jkunu preżenti fil-għamla ta' impuritajiet f'sustanzi jew preparazzjonijiet oħra;

Billi, minbarra l-miżuri speċifiċi li japplikaw biss għall-postijiet tax-xogħol, l-istabbiliment ta' limitu massimu ta' konċentrazzjoni u limitu fuq l-użu ta' dawn is-sustanzi bħala tali jew bħala kostitwenti ta' preparazzjonijiet għandu jgħin sabiex jipprevjeni l-inċidenza tal-kanċer fuq ix-xogħol u għall-protezzjoni tal-konsumaturi;

Billi l-komposti taċ-ċomb b'mod ġenerali, u b'mod partikolari l-imluħ taċ-ċomb li jnhallu malajr fl-istonku, huma perikolużi għas-saħħa; billi l-komposti ta' dan it-tip għadhom kull tant jintużaw bħala koloranti f'ċerta żebgħa dekorattiva; billi l-użu tagħhom f'dawn il-każijiet għandu jiġi rregolat; billi l-Konvenzjoni 13 ta' l-ILO tirregola l-użu tal-biruq fiż-żebgħa;

Billi ċerti preparazzjonijiet ta' *antifouling* applikati bħala protezzjoni mal-bwieq tad-dgħajjes u/jew mat-tagħmir ta' taħt il-baħar għandhom effetti ta' ħsara fuq l-organiżmi akwatiċi ħajjin bħala riżutat ta' l-użu ta' ċerti komposti kimiċi u b'mod partikolari l-komposti ta' l-arseniku, tal-merkurju u tal-landa; billi sabiex tittejjeb il-protezzjoni ta' l-ambjent, għandu jiġi rregolat l-użu ta' dawn il-komposti fi preparazzjonijiet ta' dan it-tip;

Billi mhux biss il-boran di- μ -osso-di-n-butilstannjoidrossi ($C_8H_{19}BO_3S_n$, Nru tas-SAK 75113-37-0) imma wkoll il-prodotti tad-dekompożizzjoni/degradazzjoni tiegħu huma sustanzi perikolużi għall-bniedem u għall-ambjent, u b'mod partikolari għall-ambjent akwatiku; billi l-użu ta' dawn is-sustanzi għandu jiġi rregolat;

⁽¹⁾ ĠU C 43, tas-16.2.1988, p. 9.

⁽²⁾ ĠU C 96, tas-17.4.1989, p.190 u ĠU C 256, tad-9.10.1989, p. 70.

⁽³⁾ ĠU C 175, ta' l-4.7.1988, p.10 u ĠU C 337, tal-31.12.1987, p. 7.

⁽⁴⁾ ĠU 196, tas-16.8.1967, p. 1.

⁽⁵⁾ ĠU L 247, ta' l-1.9.1986, p. 1.

⁽⁶⁾ ĠU L 42, tat-12.2.1987, p. 43.

Billi l-limitazzjonijiet fl-użu jew fil-*marketing* diġà adottati minn ċerti Stati Membri fir-rigward tas-sustanzi riferiti hawn fuq jew tal-preparazzjonijiet li jkun fihom minnhom għandhom inċidenza diretta fuq kif l-istabbiliment u l-funzjonament tas-suq intern; billi huwa għalhekk meħtieġ illi d-dispożizzjonijiet leġislattivi ta' l-Istati Membri jiġu approssimati f'dan il-qasam, u b'konsegwenza ta' dan li jiġi emendat l-Anness I mad-Direttiva 76/769/KEE⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bit-Direttiva 85/610/KEE⁽²⁾;

Billi b'din id-Direttiva ma tiġix affettwata l-leġislazzjoni Komunitarja preżenti rigward il-possibbiltà ta' l-adozzjoni mill-Istati Membri ta' restrizzjonijiet iktar strinġenti dwar l-użu tas-sustanzi u tal-preparazzjonijiet in kwistjoni fuq il-post tax-xogħol,

⁽¹⁾ ĠU L 262, tas-27.9.1976, p. 201.

⁽²⁾ ĠU L 375, tal-31.12.1985, p. 1.

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

L-Artikolu 1

L-Anness I mad-Direttiva 76/769/KEE huwa hawnhekk emendat kif ġej:

1. fil-punt 1 tal-kolonna fuq in-naħa tax-xellug, iż-"0,01 %" li jidher fit-tielet inċiż jiġi mibdul bi "0,005 %";
2. il-punt 3 jiġi mibdul b'dan li ġej:

"3. Is-sustanzi jew il-preparazzjonijiet likwidi, li huma kkunsidrati bħala perikolużi skond id-definizzjonijiet fl-Artikolu 2(2) u il-kriterji fil-Parti II.D fl-Anness VI mad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE tas-27 ta' Ġunju 1967, dwar l-approssimazzjoni tar-regoli, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi li għandhom x'jaqsmu mal-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tas-sustanzi perikolużi⁽¹⁾, kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 86/431/KEE⁽²⁾

Ma jistgħux jintużaw fi:

- oġġetti ornamenti maħsuba sabiex jipproduċu d-dawl jew effetti kkuluriti permezz ta' fażijiet differenti, per eżempju fil-lampi ornamenti u l-*ashtrays*,
- *tricks*, ċajt,
- il-logħob għal parteċipant wieħed jew iktar, jew kull oġġett maħsub sabiex jiġi wżat bħala tali, saħansitra jekk ikun ta' aspetti ornamenti.

⁽¹⁾ ĠU 196, tas-16.8.1967, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 247, ta' l-1.9.1986, p.1;"

3. dan li ġej jiġi miżjud mal-punt 5 (il-benzina) fil-kolonna fuq in-naħa tal-lemin:

"Ma jistgħux jintużaw f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew ta' iktar minn 0,1 % skond il-massa f'sustanzi jew preparazzjonijiet imqiegħda fis-suq.

Iżda, din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għal:

- (a) il-karburanti tal-magni bil-mutur li mhumix koperti bid-Direttiva 85/210/KEE;
- (b) is-sustanzi u l-preparazzjonijiet għall-użu fil-proċessi industrijali li ma jippermettux l-emissjoni tal-benzina fi kwantitajiet li jaqsbu lil dawk stabbiliti fil-leġislazzjoni eżistenti;
- (c) l-iskart kopert bid-Direttivi 75/442/KEE⁽¹⁾ u 78/319/KEE⁽²⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 194, tal-25.7.1975, p. 39.

⁽²⁾ ĠU L 84, tal-31.3.1978, p.43.;"

4. jiġu miżjuda l-punti li ġejjin:

"13. it-2-naftilamin

Nru tas-SAK 91-59-8

u l-impluħ tiegħu

Ma jistgħux jintużaw f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew ta' iktar minn 0,1 % bil-piż fis-sustanzi u l-preparazzjonijiet imqiegħda fis-suq.

14. Il-benzidini
Nru tas-SAK 92-87-5
u l-imluħ tiegħu
- Madankollu, din id-dispożizzjoni m'għandhiex tapplika għall-iskart li jkun fih waħda jew iktar minn dawn is-sustanzi u kopert bid-Direttivi 75/442/KEE u 78/319/KEE.
15. Il-4-nitrobifenil
Nru tas-SAK 92-93-3
16. Il-4-aminobifenil
Nru tas-SAK 92-67-1
u l-imluħ tiegħu
- Dawn is-sustanzi u preparazzjonijiet ma jistgħux jinbiegħu lill-pubbliku ġenerali. Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet l-oħra Komunitarji dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tas-sustanzi u l-preparamenti perikolużi, l-imballaġġ ta' dawn il-preparamenti għandhom ikunu jinqraw u jkunu mmarkati b'mod li ma jitħassarx kif ġej:
- 'Ristrett għal utenti professjonali.'
17. Il-karbonji taċ-ċomb:
— il-karbonat newtrali anidru
PB CO₃
Nru tas-SAK 598-63-0
— it-trilead-bis (karbonat) - dihydroxide
2 Pb CO₃ Pb(OH)₂
Nru tas-SAK 1319-46-6
- Ma jistgħux jintużaw bħala sustanzi u kostitwenti tal-preparazzjonijiet maħsuba għall-użu bħala żebgħa, għajr għar-restorazzjoni u l-manutenzjoni tax-xogħlijiet ta' l-arti u tal-bini storiku u l-interjuri tagħhom, meta l-Istati Membri jixtiequ jawtorizzaw dan fit-territorju tagħhom, skond id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni 13 ta' l-ILO dwar l-użu taċ-ċomb abjad fiż-żebgħa.
18. Is-solfati taċ-ċomb
PbSO₄ (1: 1)
Nru tas-SAK 7446-14-2
Pb_x SO₄
Nru tas-SAK 15739-80-7
- Ma jistgħux jintużaw bħala sustanzi u kostitwenti tal-preparazzjonijiet maħsuba għall-użu bħala żebgħa, għajr għar-restorazzjoni u l-manutenzjoni tax-xogħlijiet ta' l-arti u tal-bini storiku u l-interjuri tagħhom, meta l-Istati Membri jixtiequ jawtorizzaw dan fit-territorju tagħhom, skond id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni 13 ta' l-ILO dwar l-użu tas-solfati taċ-ċomb fiż-żebgħa.
19. Il-komposti tal-merkurju
- Ma jistgħux jintużaw bħala sustanzi u kostitwenti tal-preparazzjonijiet maħsuba għall-użu:
- (a) sabiex jipprevjeni l-*fouling* minn mikro-organiżmi, pjanti jew animali fuq:
- il-bwieq tad-dgħajjes,
 - il-gaġeġ, is-sufruni, ix-xbiek u kull apparat jew tagħmir ieħor użat fit-trobbija tal-ħut jew tal-frott tal-baħar,
 - kull apparat jew tagħmir imgħaddas totalment jew parzjalment fil-baħar;
- (b) fil-priservazzjoni ta' l-injam;
- (c) fil-mili tat-tessuti industrijali *heavy-duty* u l-ħjut maħsuba għall-fabbrikazzjoni tagħhom;

- (d) fit-trattament ta' ilmijiet industrijali, irrispettivament mill-użu tagħhom.

20. Il-komposti ta' l-arseniku

1. Ma jistgħux jintużaw bħala sustanzi u kostitwenti tal-preparazzjonijiet maħsuba għall użu:

- (a) sabiex jipprevjenu l-*fouling* minn mikro-organiżmi, pjanti jew annimali fuq:

- il-bwieq tad-dgħajjes,
- il-gaġeġ, is-sufruni, ix-xbiek u kull apparat jew tagħmir ieħor użat fit-trobbija tal-ħut jew tal-frott tal-baħar,
- kull apparat jew tagħmir imgħaddas totalment jew parzjalment fil-baħar;

- (b) fil-priservazzjoni ta' l-injam.

F'dan il-każ, il-projbizzjoni ma tapplikax għas-soluzzjonijiet ta' l-imhluh inorganiċi tat-tip RKA (ram-kromju-arseniku) użati fl-istallazzjonijiet industrijali li jużaw il-vakwu jew il-prensa għall-mili ta' l-injam.

B'żieda ma' dan, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw fit-territorju tagħhom l-użu ta' preparazzjonijiet tat-tip DFA (dinitrofenol-fluworidu-arseniku) għat-trattament *in situ* ta' l-arbli ta' l-injam diġà fil-post u li jerfgħu *cables* fil-għoli. Dawn il-preparazzjonijiet iridu jiġu wżati minn persuni professjonali bl-użu tal-vakwu jew tal-prensa.

2. Ma jistgħux jintużaw bħala sustanzi u kostitwenti tal-preparazzjonijiet maħsuba għall-użu fit-trattament ta' ilmijiet industrijali, irrispettivament mill-użu tagħhom.

21. Il-komposti organostanniċi

1. Ma jistgħux jintużaw bħala sustanzi u kostitwenti tal-preparazzjonijiet maħsuba għall-użu sabiex jipprevjenu l-*fouling* minn mikro-organiżmi, pjanti jew annimali fuq:

- (a) il-bwieqi tad-dgħajjes ta' tul globali, kif iddefinit bl-ISO 8666, ta' inqas minn 25 metru;
- (b) il-gaġeġ, is-sufruni, ix-xbiek u kull apparat u tagħmir ieħor użat fit-trobbija tal-ħut jew tal-frott tal-baħar;
- (c) kull apparat jew tagħmir imgħaddas totalment jew parzjalment fil-baħar.

Dawn is-sustanzi u preparazzjonijiet

- jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss f'imballaġġi li jesgħu 20 litru jew iktar,
- ma jistgħux jinbigħu lill-pubbliku ġenerali imma biss lill-utenti professjonali.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet l-oħra Komunitarji dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tas-sustanzi u l-preparazzjonijiet perikolużi, l-imballaġġ ta' dawn il-preparazzjonijiet għandhom ikunu jistgħu jinraw u mmarkati b'mod li ma jitħassarx kif ġej:

'Ma jistax jinuża fuq dgħajjes ta' tul globali ta' inqas minn 25 metru jew fuq apparat jew tagħmir użat fit-trobbija tal-ħut jew tal-frott tal-baħar.'

'Ristrett għal utenti professjonali.'

2. Ma jistgħux jintużaw bħala sustanzi u kostitwenti ta' preparazzjonijiet maħsuba għall-użu fit-trattament ta' ilmijiet industrijali, irrISPETTIVAMENT mill-użu tagħhom.

22. Id - di- μ -osso-di-n-il-butilstannjoidrossiboran
($C_8H_{19}BO_3S_n$, Nru tas-SAK 75113-37-0)
(DBB)

Għandu jiġi pprojbit f'konċentrazzjonijiet ugwali għal, jew iktar minn, 0,1 % fis-sustanzi u fil-kostitwenti ta' preparazzjonijiet imqiegħda fis-suq. Madankollu, din id-dispożizzjoni ma għandhiex tapplika għal din is-sustanza (DBB) jew għal preparazzjonijiet li jkun fihom lilha jekk dawn ikunu maħsuba biss sabiex jiġu kkonvertiti fi prodotti lesti, li fosthom din is-sustanza ma tibqax tidher iktar f'konċentrazzjoni ugwali għal jew iktar minn 0,1 %."

L-Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mhux iktar tard minn 18-il xahar wara d-data ta' l-adozzjoni tagħha. Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'dan minnufih.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni mhux iktar tard minn 18-il xahar wara l-adozzjoni ta' din id-Direttiva t-test tad-dispożizzjonijiet fil-liġijiet nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

L-Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fil-21 ta' Diċembru 1989.

Għall-Kunsill

Il-President

E. CRESSON